**19 ta' Frar, 1963**

**Imħallef :**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Emmanuele Cachia

*versus*

Giuseppe Mallia et

**Konvenju — Artikolu 1407 (2) u 1410, Kodiċi Ċivili — Intempestività — Art. 892 (1 u (2), Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta l-liġi trid li s-sejħa li wieħed għandu jagħmel, biex iżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu, issir b'att ġudizzjarju mingħajr ma tgħid f'liema forma, din is-sejħa tista' ssir b'ittra uffiċjali*

Il-Qorti :— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur — wara li ppremetta illi bl-iskrittura tal-għaxra (10) ta' April, 1962 (Dok. A) il-konvenuti obbligaw ruħhom li jixtru u jakkwistaw mingħand l-attur biċċa art fabbrikabili l-Mosta tal-kej ta' mitejn u tmienja u disgħin (298) qasab kwadri, tmiss mit-tramuntana u l-vant ma' Wied il-Għasel u mill-Ibiċ ma ġid ta

Carmelo Bajada, kif soġġetta għas-subċens annwu u perpetwu ta' erbgħin lira (£40) fis-sena, bil-prezz ta' ħamsin lira (£50) u bil-kondizzjonijiet f'dika l-iskrittura msemmija, u li, imsejħin bl-ittra uffiċjali tad-disgħa (9) ta' Lulju, 1962, il-konvenuti, għalkemm diversi drabi wegħdu lill-attur li kellhom javżaw lin-Nutar Francis Micallef u jersqu għal kuntratt definittiv, fil-fatt baqgħu ma ġewx għall-istess kuntratt — talab illi l-istess konvenuti, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġu kkundannati jaddivjenu għall-kuntratt definittiv ta' xiri tal-biċċa art fabbrikabili li qegħda l-Mosta, tal-kejl ta' mitejn tmienja u disgħin qasab kwadri (298 q.k.), tmiss mit-tramuntana u lvant ma' Wied il-Għasel u mill-lbiċ ma' ġid ta' Carmelo Bajada, kif soġġetta għas-subċens annwu u perpetwu ta' erbgħin lira (£40) fis-sena, bil-prezz ta' ħamsin lira (£50) u bil-kondizzjonijiet l-oħra stipulati fl-imsemmi Dok. A., billi jiġi nominat nutar biex jippubblika u jirċievi l-kuntratt relativ u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi fuq l-istess att u billi jiġu iffissati l-jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-disgħa (9) ta' Lulju, 1962;

Rat id-dokument prodott ma' l-att ta' ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha ssottomettew illi d-domandi huma intempestivi għaliex l-attur ma ippruvax li s-sit "de quo" hu fabbrikabili;

Omissis;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ssollevaw eċċezzjoni oħra fis-sens li t-terminu tal-konvenju kien ilu li skada meta ġie preżentat l-att ta' ċitazzjoni u għalhekk l-azzjoni għandha tiġi respinta, bl-ispejjeż;

Omissis;

Tikkunsidra dwar it-tieni eċċezzjoni:

Illi *skond il-liġi (art. 1407 (2), Kodiċi Ċivili)* l-effett tal-wegħda ta' bejgħ jispiċċa jekk l-aċċettant fi żmien tliet xhur minn dak inhar *li l-bejgħ kien seta' jsir,* ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizjarju, sabiex jagħmel il-bejgħ, kemm-il darba ma kienx ġie miftehim mill-partijiet żmien itwal, u din id-dispożizzjoni tgħodd għal waħda ta' *xiri, għaliex* id-dispożizzjonijiet dwar il-wegħda ta' bejgħ jgħoddu wkoll għall-wegħda ta' xiri (art. 1410, kodiċi ċitat);

Illi l-wegħda ta' bejgħ riferita fl-att ta' ċitazzjoni saret bi skrittura privata in data għaxra (10) ta' April, 1962, (dokument fil-fol. 4 tal-proċess) u fid-disgħa (9) ta' Lulju ta' l-istess sena l-attur sejjaħ, bl-ittra uffiċjali, lill-konvenuti sabiex jaddevjenu għall-kuntratt tal-bejgħ, u mix-xhieda ta' l-attur *jirriżulta illi wara dik is-sejħa hu saqsa lil-konvenut Mallia* kienx beħsiebu jersaq għal dak il-kuntratt u l-imsemmi Mallia irrispondih *affermativament billi qallu li kien sejjer* jara lil sieħbu — lill-konvenut l-ieħor — u jiftehmu ma' nutar, naturalment dwar il-jum meta jiġi pubblikat il-kuntratt, u javżah, u li meta kien għadda ċertu żmien u l-istess *Mallia* ma *qallu* xejn, reġa' saqsih meta kienu sejrin imorru għand in-nutar biex jagħmlu l-kuntratt u Mallia irripetilu dak li kien qallu qabel, u meta għadda żmien ieħor u Mallia ma qallu xejn, għamel il-kawża;

Illi meta ġiet mill-attur mibgħuta lill-konvenuti l-imsemmija ittra uffiċjali kien għadu ma għaddiex żmien ta' tliet xhur *mill-jum li fih kienet saret* il-wegħda;

Illi meta l-liġi trid li s-sejħa li wieħed għandu jagħmel, biex iżomm sħaħ *il-jeddijiet tiegħu, issir b'att* ġudizzjarju mingħajr ma tgħid f'liema forma, din is-sejħa tista' ssir b'ittra uffiċjali (art. 982 (1) u (2), Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Illi għaldaqstant għandu jiġi ritenut li fil-każ preżenti kien hemm is-sejħa ta' waħda mill-partijiet fil-forma u fiż-żmien stabbiliti mill-liġi, dak li hu biżżejjed, anke skond il-ġurisprudenza tal-lum, biex iżomm il-wegħda in vigore;

Għaldaqstant l-eċċezzjoni għandha u qegħda tiġi respinta bl-ispejjeż;

Omissis.